## 18 ta' Marzu, 1957

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Farmaċista George Mallia *versus* Carmela Mallia

## Testment — Legat — Interpretazzjoni — Legat "a limine intus" — Flus — Titoli — Art. 356 tal-Kodiċi Ċivili

*F'materja ta' nterpretazzjoni testamentarja, meta d-dispożizzjoni hi ċara, għandha tiċċievi l-eżekuzzjoni tagħha bħala dak li ried it-testatur; u biex tiġi penetrata l-intenzjoni tat-testatur, din l-intenzjoni għandha tiġi deżunta mill-kontenut tal-istess testment, u mhux minn fatti estrinseċi.*

*In linea ta' massima, meta l-kwistjoni tkun dwar jekk legat għandux jiġi ammess jew eskluż, l-interpretazzjoni hi favur il-legatarju; meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantità tal-legat, l-interpretazzjoni tkun favur l-eredi.*

*Meta t-testatur, f'legat "a limine intus" minnu mħolli, juża l-kliem "kif ukoll il-flus kollha li jinsabu f'mewtu fi kwalunkwe Bank jew persuna, kif ukoll il-fided u d-deheb......", dik id-dispożizzjoni ma tikkomprendix it-titoli. Għax il-kelma "flus" fil-lingwaġġ komuni ma tfisserx "titoli"; u jekk fid-dispożizzjoni relattiva għal dak il-legat, u lanqas fid-dispożizzjonijiet l-oħra tat-testment, ma jidher xejn li jista' jestendi s-sens ordinarju tal-kelma "flus" b'mod li tiġi nterpretata li tkun tikkomprendi t-titoli, dawn għandhom jiġu ritenuti esklużi minn dak il-legat.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur, wara li jippremetti illi fil-31 ta' Ottubru 1953 miet, mingħair ulied u ulteriuri dixxendenti u axxendenti, Giovanni Mallia, ħuħ u żewġt il-konvenuta, u dan b'testment "unica charta" mal-istess martu publikat fis-6 ta' Lulju 1945 minn Nutar Edoardo Calleja Schembri; u illi, kif spjegat fl-annessa

dikjarazzjoni, huwa ma setgħax jeżamina u jieħu kopja ta' dana t-testment, iżda sar jaf biss li d-decujus, wara li ħalla l-użufrutt ġenerali lill-konvenuta martu, innomina lilu bħala eredi universali u proprjetarju fl-assi tiegħu kollu; jitlob illi, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-Qorti (1) tordna l-likwidazzjoni tal-assi soċjali u konjugali ġa eżistenti bejn il-mejjet Giovanni Mallia u martu, il-konvenuta, liema assi għandu jiġi dikjarat jikkonsisti f'dawk is-sustanzi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (2) tordna d-diviżjoni ta' dan l-assi soċjali u konjugali, hekk likwidat, f'żewġ porzjonijiet ugwali; (3) tordna l-assenjazzjoni tal-porzjonijiet li fihom ikun ġie diviż l-imsemmi assi soċjali u konjugali, waħda lill-assi partikulari tal-mejjet Giovanni Mallia, u l-oħra lill-konvenuta "jure proprio", bħala kompartecipi fl-istess assi soċjali u konjugali; (4) tordna l-likwidazzjoni tal-assi partikulari tal-mejjet Giovanni Mallia, li għandu jiġi dikjarat konsistenti fin-nofs tal-assi soċjali u konjugali, ġa assenjat, u f'dawk is-sustanzi l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (5) tordna li dana l-assi partikulari ta' Giovanni Mallia, hekk likwidat, jiġi, salv l-użufrutt ġenerali mħolli favur tal-konvenut matul ħajjitha, assenjat lilu bħala uniku eredi testamentarju tal-istess Giovanni Mallia; (6) tinnomina perit legali biex jagħmel il-likwidazzjonijiet u d-diviżjonijiet mitluba, nutar publiku biex jirċievi u jippublika l-att relattiv, u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi fuq dana l-att. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tad-9 ta' Frar 1954 u tad-29 ta' April 1954, kontra l-konvenuta, li ġiet imħarrka għassubizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Diċembru 1956, li biha ddikjarat illi t-titoli elenkati fil-prospett fuq imsemmi (dok. B fol. 6) jinsabu kollha kompriżi fil-legat "a limine intus" imħolli mit-testatur lill-konvenuta, u kwindi jappartjenu lilha b'assoluta proprjetà, u ordnat li l-ispejjeż

ta' din id-dikjarazzjoni, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu mill-kontendenti bin-nofs; u ddifferiet il-kawża "sine die", riappuntabbli b'talba verbali, wara li d-deċiżjoni tagħha tkun għaddiet f'ġudikat, għall-eventwali trattazzjoni ulterjuri, jekk il-partijiet ibiddlu l-ħsieb li jipproċedu għall-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi bonarjament; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur eżibixxa prospett dettaljat kontenenti l-likwidazzjonijiet u diviżjonijiet kif mitluba minnu fiċ-ċitazzjoni (dok. C fol. 6-11). Kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 1956, il-konvenuta taqbel fuq l-eżattezza tal-imsemmi prospett, b'din id-differenza: hija ssostni li t-titoli elenkati fl-istess prospett, ċjoè fl-Attiv — B. Mobili, (i) u (ii), (a) (b) (c) (d) (e) (f) (g) (fol. 6), ma jappartjenux lilha biss fin-nofs, kif ġie sottomess mill-attur u ndikat minnu f'dak il-prospett, imma jappartjenu lilha kollha bi proprjetà piena in forza tal-legat imħolli lilha mill-mejjet żewġha Giovanni Mallia, bit-testment tiegħu magħmul "unica charta" magħha fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri fis-6 ta' Lulju 1945. L-unika dfferenza bejn il-kontendenti hi fuq din il-kwistjoni; u għalhekk, kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-21 ta' Novembru 1956, huma talbu deċiżjoni fuqha mill-Qorti;

*Illi bit-testment ġa msemmi Giovanni Mallia ħalla b'titolu* ta' legat lill-martu, il-konvenuta, dak kollu li jinsab fid-dar tagħhom "a limine intus" fil-jum tal-mewt tiegħu, kif ukoll il-flus kollha li jinsabu f'mewtu fi kwalunkwe Bank u għand kwalunkwe persuna, *kif ukoll id-deheb u l-fided; u dawn* in assoluta proprjetà. Skond id-dispożizzjoni tal-art. 356 tal-Kodiċi Ċivili, fil-kliem "mill-għatba tad-dar il-ġewwa" jidħlu l-ħwejjeġ kollha mobili, barra mill-flus jew it-titoli li jissarfu flus, mill-ħaġar fin, mill-oġġetti ta' metall prezzjuż li iservu......, mill-oġġetti li jinsabu fid-dar......, u mill-krediti jew jeddijiet oħra li d-dokumenti tagħhom jinsabu fid-dar. L-attur jippretendi li skond din id-dispożizzjoni tal-liġi t-testatur, fil-legat "a limine intus" li ħalla favur martu, ma

kkomprendiex it-titoli fuq imsemmija, għaliex huwa t-titoli ma semmihomx, imma semma biss il-flus, dawk ċjoè in depożitu li kienu jappartjenu lilu in pjena proprjetà u li huwa kien jista' jiddisponi minnhom, dejjem f'munita korrenti, mingħajr ebda xkiel u mingħajr soġġezzjoni ta' drittijiet fihom ta' terzi persuni jew ta' entitajiet oħra. Għall-kuntrarju, il-konvenuta tallega illi, għalkemm it-testatur ma semmiex espressament il-kelma "titoli", l-intenzjoni tiegħu kienet evidentement dik li huwa kien jikkunsidra t-titoli bħala flus, u kien anzi għal din ir-raġuni li huwa semma biss "il-flus kollha" li jinsabu f'mewtu, kull fejn eżistenti;

Illi fil-fehma tal-Qorti, id-dispożizzjoni testamentarja fuq imsemmija għandha tiġi nterpretata fis-sens li fil-legat ġa msemmi ġew kompriżi mit-testatur anki t-titoli rappreżentanti l-flus li huwa kellu; jew aħjar, li l-intenzjoni tat-testatur kienet li f'dak il-legat kellhom jiġu kompriżi dawk it-titoli. Hu veru li dik id-dispożizzjoni tidher ċara; u meta d-dispożizzjoni testamentarja li għandha tiġi nterpretata hi magħmula b'termini ċari, u li ma joffrux ruħhom għal xi ambigwità, mhux leċitu għal ħadd li jaltera dawk it-termini bl-intromissjoni tax-xogħol tal-ġudizzju tiegħu (Vol. XXXV-I-190);

Imma, għalkemm il-kliem ta' dik id-dispożizzjoni apparentement huma ċari, mhix biżżejjed ċara l-intenzjoni tat-testatur manifestata b'dawk l-kliem, u għalhekk trid issir l-interpretazzjoni ta' dik l-intenzjoni. Issa, it-testatur, fil-legat "a limine intus" li ħalla favur il-konvenuta martu, ikkomprenda il-flus kollha li jinsabu f'mewtu fi kwalunkwe Bank u għand kwalunkwe persuna. Mela t-testatur ried iħalli b'legat lill-konvenuta l-flus kollha li kellu fil-Bank jew għand xi ħadd. Ma jirriżultax li fil-Bank qatt kien hemm, jew kien hemm fil-ġurnata tal-mewt tat-testatur, flus, jekk mhux biss il-kont korrent fin-National Bank of Malta u t-titoli fl-istess Bank u fix-Scicluna's Bank indikati fl-imsemmi prospett. Għalhekk it-testatur ma setgħax kien qie-

għed jirriferixxi, meta għamel dik id-dispożizzjoni b'legat lill-martu, jekk mhux għall-flus rappreżentati b'dawk it-titoli;

Barra minn dan, hu ta' min josserva li fid-dispożizzjoni ġa msemmija tal-art. 356 jingħad "barra mill-flus jew it-titoli li jissarfu flus"; jiġifieri, wara l-kelma "flus" ma hemmx virgola (,), imma hemm il-partiċella diżġuntiva "jew" — ħaġa li turi li l-liġi stess tikkunsidra l-flus u t-titoli li jissarfu flus bħala ħaġa waħda; b'mod li, meta wieħed isemmi flus, ikun qiegħed jikkomprendi t-titoli li jissarfu flus. U għalhekk, meta t-testatur ikkomprenda fl-imsemmi legat il-flus, huwa kien qiegħed jikkomprendi t-titoli li jissarfu flus;

Rat fol. 36 il-petizzjoni tal-attur, li biha appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi riformata fis-sens li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċidi li t-titoli kollha elenkati fid-dokument "B" fil-fol. 6 tal-proċess ma għandhomx jiġu kompriżi fil-legat in proprjetà mħolli mid-decujus favur il-konvenuta, kif din tippretendi, bl-imsemmi testament. Bl-ispejjeż taż-żewġ stanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni devoluta lil din il-Qorti hi dik jekk fil-legat "a limine intus" imħolli mid-decujus lill-konvenuta humiex jew le kompriżi wkoll it-titoli elenkati fil-prospett dok. B fol. 6, taħt il-B. (i) u (ii) (a) (b) (c) (d) (e) (f) (g);

B'testment "unica charta" tas-6 ta' Lulju 1945, il-mejjet Giovanni Mallia, żewġ il-konvenuta, iddispona hekk:— "B'titolu ta' legat it-testatur iħalli lill-martu Carmela dak kollu li jinsab fid-dar tagħhom, "a limine intus", fil-jum tal-mewt tiegħu, kif ukoll il-flus kollha li jinsabu f'mewtu fi kwalunkwe Bank u persuni, kif ukoll id-deheb u l-fided; u dawn in assoluta proprjetà";

Il-pont hu jekk bil-kliem "il-flus kollha li jinsabu f'mewtu fi kwalunkwe Bank u persuni" ġewx anki kompriżi t-titoli fuq imsemmija;

Għandu jiġi osservat, qabel xejn, illi:—

1. Id-definizzjoni li tagħti l-liġi tagħna (art. 356 Kap. 23, simili għall-art. 424 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, art. 536 Kod. Ċiv. Franċiż, Sic. 461, Parma 392, Ticino 167 u 842), tal-legat "mill-għatba tad-dar il-ġewwa", ma tantċ tista' tkun ta' ajjut; għaliex dik id-dispożizzjoni tikkontempla biss dawk il-kliem "bla xejn aktar", mentri fil-każ preżenti hemm kliem oħra aġġjunti; u għalhekk, kif esprimiet ruħha l-Qorti tal-Appell ta' Firenze (Fadda, art. 421-424, paġ. 63, para. 64):— "Quando il testatore non siasi limitato a lasciare la casa con tutto quello che vi si trova, ma abbia aggiunto altre espressioni, la disposizione dell'articolo 424 non è più allegabile per la interpretazione del legato";

2. F'materja ta' interpretazzjoni testamentarja, meta d-dispożizzjoni hi ċara, għandha tirċievi l-eżekuzzjoni tagħha bħala dak li ried it-testatur, "non aliter a significatione verborum recedi oportet quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem" (Dig. Lib. XXXII, 3, De legatis et Fideicommissis", Lex. 69; ara wkoll Appell "Mallia vs. Mamo", 2 ta' Mejju 1921, Vol. XXIV-I-729). Wieħed għandu jippenetra l-intenzjoni tat-testatur; iżda "quod senserit testator" għandu jiġi deżunt "ex propriis verbis testamenti", u mhux minn fatti estrinseċi (App. "Micallef vs. Tonna", 30-X-1950, Vol. XXXIV-I-242-247). Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza "Gabarretta vs. Spiteri", 22 ta' Ġunju 1931, Vol. XXVIII-I-117:— "......doversi l'intenzione del testatore ricavare dalle disposizioni testamentarie, e non da materia estranea al testamento, per evitare il pericolo che si potesse creare una disposizione non voluta dal testatore";

Ir-regoli astratti ta' interpretazzjoni għandhom jiġu applikati skond il-fiżijonomija diversa tal-fatti tal-każijiet partikulari ("Dimech vs. Sant Cassia", P.A. 4-XI-1881, Vol. IX. p. 558);

3. In linea ta' massima, meta l-kwistjoni tkun dwar jekk il-legat għandux jiġi ammess jew eskluż, l-interpretazzjoni hi favur il-legatarju; jekk tkun dwar l-estensjoni jew kwantità tal-legat, l-interpretazzjoni tkun favur l-eredi (P.A. "Carabott utrinque", 29.XI.1947, Vol. XXXIII-II-142-146);

Ikkunsidrat;

F'dan il-każ, it-testatur uża l-kelma "flus", u qal "il-flus kollha li jinsabu f'mewtu fi kwalunkwe Bank u persuni";

Il-Prim'Awla, fid-deċiżjoni tagħha in re "Grech vs. Sciortino", 20 ta' Mejju 1892, Vol. XIII, p. 541, irriteniet li l-kliem "denari contanti", użati mit-testatur f'dik il-kawża, kellhom is-sinifikat li għandhom fil-lingwaġġ komuni, u ma kienux jikkomprendu "i titoli o le cedole che rappresentano il denaro". F'din is-sentenza hemm ċitata deċiżjoni tal-Corte di Cassazione di Torino, 11 gennajo 1859, riportata fil-Bettini, Vol. XI, Parte II, p. 58. Verament, din kienet deċiżjoni mhux tal-Qorti ta' Torin, imma tal-Corte di Nizza. Għalkemm f'dik is-sentenza, kif jidher, il-ġudikant ibbaża ruħu anki fuq elementi oħra fit-testment, però enunċja wkoll ir-raġuni poderuża tas-sinifikat komuni tal-kelma "flus", billi qal:— "Che alla detta conseguenza conduce la speciale designazione dei 'denari', in quanto che non possono nel comune linguaggio intendersi comprese fra i denari le cedole......";

F'sentenza oħra tal-Prim'Awla, "Spadaro vs. Bonnici", 17 ta' Frar 1897, Vol. XVI-II-13-16), ġie ritenut li t-titoli, tant għall-portatur kemm nominattivi jew "all'ordine", ma jistgħux jiġi ekwiparati għall-"moneta cartacea";

Fir-Repertorju tal-Fadda (art. 421-424) hemm riportati dawn is-sentenzi "in subjecta materia":— "I libretti della Cassa di Risparmio non equivalgono a denaro, e perciò non sono compresi nel legato che un testatore abbia fatto a pro di taluno di tutto il denaro che si trovasse in sua casa

al giorno della sua morte" — para. 23; u fl-istess sens para, 90-101 ibidem;

Huma anki illuminanti in materja deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi, fosthom dawn:—

"I find the authorities confirm the impression I had at the hearing of the cause, that the term 'money' will not pass stock, unless there is in the will some explanatory context" — Gosden v. Dotterill (1832), 1. My. 8 K.56.. per Leach M.R. pp. 59-60);

"Although a simple bequest of 'money' will not of itself pass stock, yet the word 'money' may be so used in a will as from the whole context to show that the testator meant it to pass stock and other personal estate" — Rebecca Hand case, 1849, 7 Notes of Cases 59 at p. 60;

"There is a well settled rule that in the absence of anything in the will to indicate a clear intention to the contrary, a gift of 'all my money' must be taken to mean 'money' in the strict sense, and nothing else; you cannot, in the absence of anything in the will showing a different intention, conclude that the testator meant to give more than 'money' " — Larner vs. Larner (1857), 3 Drew. 704, at page 507);

'The rule of construction is that the word 'money' does not extend beyond what is literally 'money', unless the context requires it, and that the burden of proof lies on those who contend the contrary to show that the signification is to be extended" — Montagu v. Sandwich (1863) 33 Beav. 324, pp. 325-326;

F'każ fejn it-testatriċi kienet hekk iddisponiet "I leave any money of which I might die possessed to my sister Harriet Brandreth for life, and after her death to her children......", il-Qorti qalet:— "I cannot think that I am at liberty to extend the original strict and natural meaning

of the words 'any money of which I may die possessed' under such a testamentary instrument... I fear, therefore, that I must hold that the gift to Harriet Brandreth and her children applies only to cash in the house and money at the bankers of any other money which lay in such a situation that it was her ready money at call at the time of her death" — Byrom v. Brandreth, 1873, L.R. Eq. 475, p. 479;

F'każ ieħor, fejn it-testatur ħalla "money", il-Qorti qalet: — "On the principle laid down in the case, the word 'money' must be treated as having 'prima facie' a limited meaning, and on the construction of this will it only applies to cash in the house, money at the Bank, or in the hands of agents..." — Hunter Northey vs. Northey (1908) 25 T.L.R. 19 per Eve. J. at p. 19;

Fil-kawża Taylor vs. Tweedie (1923) Ch. 99 C.A. pp. 105-107 jingħad: — "I agree that the word 'money' when used in a will means money in its strict sense, unless there is a context which is sufficient to show that the testatrix used it in a more extended sense";

Fil-kawża Putner, Putner v. Brooke (1929) 45 T.L.R. 325, p. 325, evidentement il-kwistjoni kienet simili għal dik preżenti, u ntqal: — "The question is whether there is in the will any context which enlarges the meaning of the word 'money' beyond its strict legal meaning of cash. In the face of the authorities I feel that I ought not to depart from the rule which had been laid down, that there must be some context in the will to enlarge the meaning of the word 'money' so as to include investments... I cannot find here any such context, but I think that the bequest must be limited to the three items of cash at the Westminster Bank and at the Post Office Savings Bank";

Każ ieħor simili kien dak Hodgson Nowell vs. Flannery 1936) Ch. 203, per Farwell J. pp. 206-207, fejn intqal

hekk: — "There is nothing in the will but the words 'my money'. That by itself is clearly not sufficient to pass any thing but cash, that is to say actual ready money, money at a Bank at call, and having regard to the decisions, money on deposit at a Bank ...... Can I then say that...... National Savings Certificates are 'money' in the strict meaning of that word? I regret I am bound to come to the conclusion that the world 'money' is not apt to include securities of this nature";

Hu forsi anki opportun dak li ġie notat f'sentenza antika tal-Chancery Court, illi altru l-kelma "paecunia" u altru l-kelma "moneta". Dik kienet fid-Dritt Ruman ġenerali u komprensiva ta' kull xorta ta' proprjetà; din, invece, kienet limitata għall-"money in the hands of the testatrix or money in the hands of anybody else" (Shelmer's Case (1725) Gibb, Ch. 200 per Lord King, p. 202);

Ikkunsidrat;

Jidher, għalhekk, li jista' bħala prinċipju jingħad li, jekk "ex visceribus testamenti" ma jistax jiġi rikavat sens aktar estiż fl-intenzjoni tat-testatur, allura l-kelma "flus" għandha tiġi miftehma fis-sens tagħha ristrett tal-lingwaġġ komuni. U fil-lingwaġġ komuni l-kelma "flus" ma tfisserx "titoli";

Issa, xejn ma jidher li hemm, la fid-dispożizzjoni partikulari tal-legat "a limine intus", u lanqas fid-dispożizzjonijiet l-oħra tat-testment (fol. 16), li jista' jestendi s-sens ordinarju tal-kelma "flus". Fil-lingwaġġ komuni, il-kelma "flus" hija limitata għall-flus "munita" u flus "karta". Il-kelma "titoli" teżisti fil-Malti bħala kelma distinta u separata, u hija wkoll ta' użu komuni. Veru hu li kultant wieħed igħid "it-tali għandu ħafna flus", u li f'dan il-kontest il-kelma "flus" tfisser "ġid" in ġenerali, komprensiv ta' kollox; imma hu ċar li f'dan il-każ preżenti l-kelma "flus" ma ġietx użata f'dak is-sens ġenerali u komprensiv; għax kieku

kien hekk, ma kienx ikun hemm bżonn li jissemmew separatament u in aġġunta d-deheb u l-fided, kif issemmew f'dan il-legat;

Din il-Qorti ma ttikkondividix il-fehma ta' l-Ewwel Qorti, bażata fuq iż-żewġ argumenti addotti fis-sentenza appellata. Mhux l-argument dedott mill-fatt dwar liema flus kien hemm il-Bank, għaliex dak hu argument "ex extrinsecis", li ma hux ammissibbli skond id-dottrina kostanti in materja. Mhux l-argument l-ieħor dedott mill-kliem tal-art. 356; għaliex il-fatt li "flus" u "titoli" huma msemmijin flimkien ma jistax jiġi estiż b'mod li, meta tintuża l-kelma "flus", din għandha s-sens ukoll ta' "titoli". Kien ikun hekk kieku fil-liġi kien hemm definizzjoni interpretattiva "ad hoc" f'dak is-sens, magħmula applikabbli għad-dispożizzjoni tal-bniedem;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell, u tirrevoka s-sentenza appellata fil-parti tagħha fejn iddikjarat li t-titoli elenkati fil-prospett dok. B fol. 6 huma inklużi fil-legat 'de quo" imħolli mit-testatur lill-konvenuta, u tiddikjara, inveċe, li f'dak il-legat it-titoli ma humiex kompriżi;

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif provvduti; dawk ta' din l-istanza, stante l-indoli tal-kwistjoni, jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru għak-kariku tal-konvenuta appellata;

Tordna li l-attijiet jerġgħu jintbagħtu quddiem l-Ewwel Qorti.